MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 117/1999/2

**Laferla Insurance Agency Limited**
**v.**
**Edward Spiteri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Jannar, 1999 is-socjeta` attrici ppremettiet li hija kienet impjegat lill-konvenut bhala "company salesman" u "underwriting clerk" skond kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fit-23 ta' Awissu, 1993, kopja ta' dan il-kuntratt gie ezebit mac-citazzjoni bhala Dok A; illi l-konvenut temm l-impieg tieghu mas-socjeta` attrici u fil-

mori ta’ tali impieg tieghu, huwa jinsab id-debitur tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta’ elf seba’ mija tmienja u ghoxrin lira (LM1,728), rapprezentanti nkwantu ghas-somma ta’ erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira u disghin centezimu (LM425.90), bilanc ta’ somma akbar mislufa mis-socjeta` attrici lill-konvenut, inkwantu ghas-somma ta’ hames mija u sebgha u hamsin Lira Maltin, disgha u erbghin centezimu (LM575.49) (sic) bilanc ta’ somma akbar, rapprezentanti l-valur komplessiv ta’ diversi ‘debit notes’ mahruga lil u accettati mill-konvenut in konnessjoni mal-poloz ta’ assikurazzjoni mahruga bl-intervent tieghu u inkwantu ghas-somma bilancjali ta’ seba’ mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin, tmienja u disghin (recte wiehed u sittin) centezimu (LM726.61), bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti l-ammont imhallas mis-socjeta` attrici lill-konvenut bhala salarju ossija kummissjoni u kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali indebitament u in eccess tal-ammont pagabbli lilu skond l-istipulazzjonijiet relattivi bejn il-kontendenti; illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc ta’ LM1,728.00, il-konvenut baqa’ inadempjenti nonostante l-impenji ripetuti tieghu f’dan is-sens; illi, kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness bhala Dokument ‘A’, jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, a tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12) billi l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut u s-socjeta` attrici pprezentat l-affidavit (Dok A) illi bih ir-rappresentant taghha, l-Avukat Stephen Thake ikkonferma illi l-konvenut ma ghandu l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-somma dovuta; wara li ppremettiet dan kollu s-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u b’dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas ossija jirrifondi lis-socjeta` attrici is-somma ta’ LM1,728.00 dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta’ Qbid pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali b’effett mid-tal-iskadenza (sic) jew data ohra stabilita` minn dik il-

Qorti sad-data tal-pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

B'digriet tal-15 ta' Frar, 1999 il-konvenut inghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici u b'nota pprezentata fl-1 ta' Marzu, 1999 eccepixxa illi s-somma pretiza mis-socjeta attrici fl-att tac-citazzjoni giet kompensata ma' somma (a)kbar dovuta in linea ta' kummissjoni mis-socjeta` attrici lill-konvenut, b'dan izda li prezentement il-konvenut huwa kreditur tas-socjeta` attrici.

**Is-sentenza appellata.**
B'sentenza tal-14 ta' Dicembru, 2001 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma indikata fic-citazzjoni bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u l-ispejjes tal-kawza, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"Illi l-konvenut kien impjegat bhala '*insurance salesman*' mas-socjeta` attrici u l-kondizzjonijiet ta' l-impieg kienu dawk stabbiliti fil-kuntratt tal-impieg datat 23 ta' Awissu, 1993 (a fol. 6, 30 u 49). Fi Klawzola 3 tal-imsemmi kuntratt hemm stipulat hekk:-

""The parties agree that the Employee shall be paid exclusively by commission and shall not be entitled to any payment in addition to such commission. The employer shall pay the employee a commission of 10% of the premium payable by clients who have placed business with the employer following and on account of the invitation and solicitation of the Employee as well as a commission of 25% of the first premium payable by clients who have taken out a life insurance policy through the employer following and on account of the invitation and solicitation of the Employee. The commissions herein before set out shall be paid to the employee every six months in arrears."

"In oltre fi klawsola 9 tal-istess kuntratt tal-impieg hemm stipulat is-segwenti:-

““The employer shall advance and pay onto the employee a monthly sum of LM345, a monthly fuel allowance of LM120.00 and such bonuses as are stipulated as payable by law.””

“Illi minn klawsola 12 tal-kuntratt tal-impieg jirrizulta wkoll li s-socjeta` attrici mal-firma tal-kuntratt tal-impieg selfet lill-konvenut is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (LM500.00), liema ammont kellu jithallas lura sal-31 ta’ Dicembru, 1994, minghajr imghaxijiet.

“Illi fis-seduta tat-2 ta’ Gunju, 1999, fol. 22, xehed Peter Meilaq prodott mis-socjeta` attrici, u spjega li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa maghmul principalment minn tlett affarijiet:-

“1. Hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin u disgha u erbghin centezimu (LM575.49) – minn “*invoices*’ li s-socjeta` attrici harget f’isem il-konvenut u li kienu jirrigwardaw prezz ta’ premia fuq id-dar u l-vetturi tal-konvenut. Dawn il-fatturi gew debitament esibiti u jinsabu a fol. 25 sa 29 tal-process.

“2. Erba’ mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u disghin centezimu (LM425.90) – bilanc tas-self li kien ha l-konvenut minghand is-socjeta` attrici mal-iffirmar tal-kuntratt li ghadu ma hallasx.

“3 Seba’ mija u hamsa u tletin liri Maltin u wiehed u sittin centezimu (LM735.61) – bilanc tal-pagamenti li s-socjeta` attrici kienet teffettwa kull xahar lill-konvenut u li huwa suppost ikun hallas lura minn kummissjonijiet imhallsa lilu fuq bejgh ta’ poloz lill-klienti li jkun introduca huwa fi hdan is-socjeta` attrici.

“B’kollox LM1,737. Ara *breakdown* ta’ dawn l-ammonti a fol. 24 Dok LA1.

“Illi Peter Meilaq xehed ukoll li fil-perjodu li fih il-konvenut kien Impjegat bhala ‘*salesman’* mas-socjeta` attrici, u cioe` bejn l-1993 u l-1995, is-socjeta` attrici avvanzat lill-konvenut tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) izda kull ma

baqghalu jirrifondi lura huwa l-ammont ta’ seba’ mija u hamsa u tletin liri Maltin u wiehed u sittin centezimu (LM735.61) u dan wara li kienu thallsu lill-konvenut il-kummissjonijiet kollha lilu dovuti. Dejjem skond Peter Meilak il-kummissjonijiet kollha dovuti lil Spiteri gew akkreditati lilu biex b’hekk inqata’ l-maggor parti tal-ammont li kien qed jigi avvanzat lilu kull xahar u fil-pretensjoni ta’ l-atturi m’hemmx il-*premiums* pagabbli minn xi nies li gew introdotti fil-kumpanija permezz tal-konvenut.

“Illi l-konvenut isostni li meta huwa temm l-impieg tieghu, is-socjeta` attrici kien ghad jonqosha tigbor sebat elef lira Maltin (LM7,000) minghand klijenti li kien introduca hu u konsegwentement kien ghad jonqsu jithallas kummissjoni fuq dawn is-sebat elef liri Maltin (LM7,000) u ghalhekk kellha ssir tpacija ma’ dak dovut minnu lis-socjeta` attrici. Huwa *inoltre* jghid li l-ammont mitluba fic-citazzjoni bhala prezz ta’ poloz mahruga fuqu personalment u l-bilanc ta’ l-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (LM500.00) li gew imsellfa lilu mal-iffirmar tal-kuntratt tal-impieg gew pacuti mal-kummissjonijiet dovuti lilu.

“Illi fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ma ressaq ebda’ prova sabiex jissostanzja li effettivament huwa hallas dak kollu dovut u li kien ghad jonqsu jiehu kummissjonijiet jew li kien addirittura jinsab kreditur tas-socjeta` attrici. Huwa jallega li fil-mument li temm l-impieg tieghu mas-socjeta` attrici, din kien ghad jonqosha tigbor sebat elef lira Maltin (LM7,000) minghand klijenti li ntroducilha hu u li ghalhekk kien ghad jonqsu jithallas kummissjoni fuq dawn l-ammonti. Il-konvenut izda ma ssostanzjax din l-allegazzjoni bi provi dokumentarji jew bi prova xort’ohra.

“Illi l-konvenut esebixxa sensiela ta’ dokumenti (ara fol. 53 et seq.) izda naqas milli jipprezenta prospett dettaljat fejn jindika l-ammont li huwa allegatament hallas u l-ammonti li ghadhom dovuti lilu bhala kummissjoni.

“*Inoltre* l-Qorti tirrileva li kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna li t-tpacija ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ‘*ipso jure*’ ghar-rigward tal-krediti li ma

humiex ammessi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi.

“Illi dwar dak li sostna l-konvenut fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu fis-sens li s-socjeta` attrici naqset milli tressaq l-ahjar prova meta ma pproducitx bhala xhud lil Mark Laferla, il-Qorti jidhrilha li l-kuntratt tal-impieg huwa l-ahjar prova tal-kondizzjonijiet tal-impieg stipulati bejn il-partijiet u ma kienx assolutament necessarju li jittella’ x-xhud imsemmi sabiex jispjega l-kundizzjonijiet u n-natura tal-kuntratt meta dawn setghu jiftehmu minn ezami ta’ l-istess dokument.

“Illi jidher ghalhekk li t-talbiet attrici gew sodisfacentement pruvati u ghandhom jintlaqghu.”

**L-appell tal-Konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors ipprezentat fit-2 ta’ Jannar, 2002 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Dicembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu u dan billi tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi.

B’risposta pprezentata fit-30 ta’ Jannar, 2002 is-socjeta` attrici appellata talbet li, ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta, l-appell tal-konvenut jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjes kontra l-konvenut appellant.

L-aggravju tal-konvenut ghas-sentenza appellata gie espress bil-mod segwenti:-
“Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, u cioe` laqghat it-talbiet attrici billi bbazat ruhha fuq il-kuntratt bejn il-partijiet u x-xhieda ta’ Peter Meilaq, impjegat tas-socjeta appellata u billi naqset illi tevalwa u tapprezza x-xhieda offerta mill-konvenut u d-diversi

dokumenti illi l-konvenut ipproduca in sostenn ta' l-argument tieghu."

B'rikors iprezentat quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru 2004 filwaqt li l-appellant sahaq li quddiem l-ewwel qorti huwa kien introduca serie ta' dokumenti li jipprovaw f'mod konklussiv illi s-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited hija debitrici tieghu, talab li jinghata l-fakolta` li jippresenta prospett li jissostanzja l-argumenti tieghu u l-komputazzjonijiet li jwass(l)u ghall-konkluzjoni ndikata. Din il-fakolta giet akkordata lill-konvenut appellant b'digriet moghti fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2004 meta din il-Qorti ordnat li l-imsemmi prospett jigi prezentat sal-Gimgha 29 ta' Ottubru tal-istess sena bid-dritt ghan-nota risponsiva tal-kontro parti sad-19 ta' N'vembru, 2004.

Il-prospett ma giex ipprezentat fit-terminu izda in segwitu ghar-rikors iehor tal-10 ta' Novembru, 2004 il-konvenut appellant inghata l-fakolta li jipprezenta l-istess prospett, liema prospett kien jinsab anness ma l-imsemmi rikors, b'obbligu li jinnotifika lill-kontro-parti mhux aktar tard minn nhar il-Gimgha 26 ta' Novembru, 2004 u bid-dritt li l-kontro parti tirrispondi sas-17 ta' Dicembru, 2004. Jidher pero` li ghalkemm il-kontro-parti giet notifikata fit-terminu preskritt ma giet ipprezentata ebda risposta.

**Ikkunsidrat:-**

Qabel xejn ghandu jinghad li l-eccezzjoni mressqa mill-konvenut u cioe` dik ta' kompensazzjoni ossia tpacija, fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tal-kreditur tas-socjeta` attrici inkwantu parti in kawza ma tistax tiddikjara li qeghedha tpaci l-kreditu tal-kontro-parti jekk qabel xejn ma tkunx qed tirrikonoxxi l-kreditu tal-istess kontro-parti. Din l-ammissjoni, izda, ma tfissirx necessarjament li l-kreditu pretiz mill-konvenut appellant ghandu r-rekwiziti mehtiega biex tigi effettwata t-tpacija eccepita. Fil-kaz in ezami dan il-kreditu la hu rikonoxxut mill-kontro parti, anzi huwa totalment michud, u lanqas ma jista' jinghad li huwa likwidu. Fic-cirkostanzi fuq imsemmija d-dmir ta' l-ewwel qorti kien li tara, anke fl-assenza ta' kontro-talba, jekk il-

kreditu pretiz mill-konvenut jirrizultax pruvat biex b'hekk tkun tista' tigi effettwata t-tpacija eccepita minnu.

L-ewwel qorti f'dan ir-rigward esprimiet ruhha hekk:
"Illi fil-fehma tal-Qorti, l-konvenut ma ressaq ebda' prova sabiex jissostanzja li effettivament huwa hallas dak kollu dovut minnu u li kien ghad jonqsu jiehu kummissjonijiet jew li kien addirittura jinsab kreditur tas-socjeta` attrici. Huwa jallega li fil-mument li temm l-impieg tieghu mas-socjeta` attrici, din kien ghad jonqosha tigbor sebat elef lira Maltin (LM7,000) minghand klienti li ntroducilha hu u li ghalhekk kien ghad jonqsu jithallas kummissjoni fuq dawn l-ammonti. Il-konvenut izda ma ssostanzjax din l-allegazzjoni bi provi dokumentarji jew bi provi xort'ohra.

"Illi l-konvenut esebixxa sensiela ta' dokumenti (ara fol. 53 et seq.) izda naqas milli jipprezenta prospett dettaljat fejn jindika l-ammontli huwa allegatament hallas u l-ammonti li ghadhom dovuti lilu bhala kummissjoni."

Bil-prospett ipprezentat fil-mori ta' dan l-appell il-konvenut appellant qed jipprova juri lil din il-Qorti li huwa effettivament kien ressaq provi suffucjenti quddiem l-ewwel qorti biex jissostanzja l-pretensjoni tieghu li l-ammont reklamat mis-socjeta` appellata huwa pacut. In effetti fl-imsemmi prospett il-konvenut appellant ghamel rassenja tad-diversi dokumenti li gew ezebiti in prim istanza u elenka d-diversi ammonti li hemm allegatament jirrizultaw bhala dovuti lilu fl-ammont komplessiv ta' LM1499.98.

Dan il-prospett izda mhux prova sodisfacjenti tal-pretensjoni tal-konvenut. Infatti minn ezami tad-diversi dokumenti li ssir referenza ghalihom jidher li l-kummissjonijiet reklamati kienu, fil-maggor parti taghhom, ghall-primiums fuq poloz mahruga mis-socjeta` attrici bl-intervent tal-istess konvenut fil-periodu ta' Lulju u Awissu, 1994 u cioe` meta l-istess konvenut appellant kien ghadu impjegat bhala "insurance salesman" mas-socjeta` attrici (ara items 2 sa 9 tal-prospett) billi l-impieg tieghu gie terminat fl-1995. In oltre in parti dan il-prospett jindika ammonti reklamati mill-konvenut fir-rigward ta' premiums

fuq poloz ta’ assikurazzjoni mahruga wara li l-impieg tieghu gie terminat u cioe` ghall-poloz mahruga fin-1997 (ara Dok ES9 a fol 60 tal-process u l-ewwel item fil-prospett imsemmi).

Issa ghar-rigward ta’ dawk il-kummissjonijiet indikati f’Item 1 tal-prospett u cioe` dawk fuq poloz mahruga sussegwentement ghat-terminazzjoni tal-impieg tal-konvenut appellant, hemm prospettat fil-kuntratt tat-23 ta’ Awissu 1993 (Dok A a fol 6 tal-process) li l-ftehim jibqa’ jsehh ghall-periodu imsemmi fl-istess kuntratt jew ghal kull periodu iehor li jiftehemu l-partijiet bil-miktub. Wara l-eghluq ta’ dan il-periodu originali jew estiz, l-impieg tal-konvenut jigi terminat u konsegwentement dak kollu li jissemma fil-kuntratt ma jibqax jsehh. L-istess kuntratt jitkellem dwar kummissjonijiet li kellhom jithallsu lill-konvenut u cioe` “ten percent (10%) (jew 25% skond il-kaz) of the premium payable by clients who have placed business with the employer <u>following and on account of the invitation and solicitation of the Employee</u> ….” (sottolinear ta’ din il-Qorti). La darba l-poloz indikati fid-dokument a fol. 60 tal-process (item 1 tal-prospett) inhargu fin-1997 u cioe` wara li l-impieg tal-konvenut kien terminat, ma jistax jinghad li dawn il-poloz inhargu “following and on account of the invitation and solicitation of the Employee”. Inoltre ma hemm ebda prova in atti li kien hemm xi arrangament fuq dawn il-premiums.

Illi fir-rigward tal-ammonti imsemmija f’items 2 sa 9 tal-prospett, huwa xieraq li jigi riprodott hawn dak li qal ix-xhud Peter Meilaq (prodott mis-socjeta` attrici) quddiem l-ewwel qorti fl-udjenza tat-2 ta’ Gunju, 1999. Mistqosi ripetutament mill-Qorti dwar commissions dovuti qal hekk:-

<u>“Il-Qorti:</u>

Jigifieri inthom qed tghidu li l-commissions dovuti lilu huma kollha mhallsin?

<u>Ix-xhud:</u>

Is-sales li jkun iggenera meta tnaqqas xi haga li tkun giet ikkreditata kien jiehu kummissjoni kollha fuqhom.

<u>Il-Qorti:</u>

Jigifieri l-commissions kollha tajthuhomlu?

Ix-xhud:
Il-commissions dovuti lilu kreditajnilu l-account bihom u b'hekk inqata' l-maggor parti tal-ammont li avvanzajnilu fil-periodu li dam salesman maghna."

Din ix-xhieda la giet kontradetta b'mod konklussiv u lanqas ma sar xi kontro ezami ta' l-istess xhud. Kien ghalhekk li dik il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, waslet ghall-konkluzzjoni li l-kreditu tal-konvenut ma jirrizultax sodisfacentement pruvat u li konsegwentement l-eccezzjoni tal-konvenut kellha tigi michuda. Wara li ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza, u in vista ta' dak li inghad hawn fuq, din il-Qorti tikkondividi d-decizjoni ta' l-ewwel qorti billi ma tara ebda raguni li tiggustifika xi konkluzzjoni ohra.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud bl-ispejjes kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------